MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 926/2009

**Simon Grima**
**(I.D. Card No. 574963M)**

***kontra***

**MH Malta Limited (C-16025) gja Hetronic Malta Limited**

**Il-Qorti -**

**Rat** ir-rikors maħluf presentat fl-24 ta' Settembru 2009 li jaqra hekk –

*1. Illi r-rikorrenti kien ingaggjat f'impjieg mas-socjeta' intimata M H Malta Limited fl-14 ta' Marzu 1994 (DOK A), dak iz-zmien kienet iggib l-isem ta' Hetronic Malta Limited, u dan bhala Deputy General Manager b'dan illi sussegwentement kien anke promoss ghal posizzjoni ta' General Manager u eventwalment ghal posizzjoni ta' Managing Director (DOK B) sakemm spicca l-impjieg*

*tieghu bhala General Manager (DOK C) fit-30 ta' Settembru 2008, wara li kien irrizenja minn Direttur tas-socjeta' Hetronic Malta Limited (DOK D).*

*2. Illi bhala parti mill-kundizzjonijiet ta' l-impjieg tieghu kien gie verbalment miftiehem illi r-rikorrent kellu jakkwista wiehed fil-mija (1%) ta' l-ishma tal-Grupp Hetronic.*

*3. Illi fil-kors ta' l-impjieg tar-rikorrent mas-socjeta' intimata, it-trasferiment ta' l-ishma kif hawn fuq stipulat baqa' ma sar qatt, sakemm irrizulta illi s-socjeta' intimata bieghet l-assi taghha bi pregudizzju u danni ghar-rikorrent.*

*4. Illi f'dan il-bejgh ta' l-assi tas-socjeta' intimata u konsegwenza tal-fatt illi s-socjeta' intimata baqghet qatt ma ttrasferiet is-sehem mill-ishma tal-Grupp Hetronic lir-rikorrenti kif miftiehem fil-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu, b'hekk is-socjeta' intimata cahhditu mill-kundizzjonijiet tax-xoghol kollha kif miftiehma, u r-rikorrent sofra danni finanzjarji li ghalihom hija responsabbli biss is-socjeta' intimata.*

*5. Illi interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u konsegwenti hlas tad-danni hekk sofferti, is-socjeta' intimata naqset milli taghmel dan u baqghet inadempjenti.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent qieghed jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha –*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' intimata hija unikament responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tan-nuqqas taghha illi zzomm mal-ftehim shih tax-xoghol u l-eventwali bejgh ta' l-assi taghha, salv kull dikjarazzjoni opportuna illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa illi taghmel inkluz illi r-rikorrenti sofra dannu.*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-ewwel talba, jekk hemm bzonn bil-hatra ta' periti nominandi.*

*3. Tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas lir-rikorrenti dik is-somma li tigi hekk likwidata a favur ir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1528/09 u bl-imghax legali skond il-ligi kontra s-socjeta' intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni, u bir-riserva ghal kull azzjoni ohra li tista' tispetta lir-rikorrenti.*

**Rat** il-lista tax-xhieda indikati mill-attur flimkien mal-elenku tad-dokumenti esebiti.

**Rat** ir-risposta guramentata tal-kumpannija konvenuta prezentata fis-<u>6 ta' Novembru 2009</u> li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament ir-rikors promotur u l-azzjoni attrici huma nulli u bla effett fil-ligi in kwantu din l-Onorabbli Qorti hija nkompetenti ratione materiae stante li kif espost fil-premessi attrici din il-kawza hija bbazata fuq allegat ksur ta' kundizzjonijiet ta' mpjieg u ghalhekk il-kaz huwa wiehed li jaqa' taht il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali ai termini ta' l-artiklu 75(1) tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ewwel talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma kien hemm l-ebda ftehim bhal dak allegat mir-rikorrent, u s-socjeta' konvenuta ma kkawzat l-ebda danni lir-rikorrent ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost b'rabta mal-ewwel talba jispetta lir-rikorrent jipprova d-dannu allegatament soffert minnu ;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tieni u t-tielet talba attrici ghandhom jigu michuda in kwantu r-rikorrent ma sofra l-ebda dannu u kwindi ma hemm l-ebda danni x'jigu likwidati.*

*Salvi eccezzjoni ulterjuri.*

**Rat** id-dikjarazzjoni guramentata tal-kumpannija konvenuta, il-lista tax-xhieda indikati minnha u d-dokument li kien esebit minnha.

**Rat** in-nota tal-kumpannija konvenuta prezentata fl-1 ta' Dicembru 2009 (fol 29) fejn, ghall-fini tal-ewwel eccezzjoni taghha, hija pprecizat li, skond l-istess kumpannija konvenuta, l-inkompetenza *ratione materiae* ta' din il-Qorti tirrizulta mill-Art.75(1)(b) u l-Art.15, 18 u 22(2) tal-Kap.452.

**Semghet** lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw bil-fomm l-eccezzjoni preliminari tal-inkompetenza *ratione materiae*.

**Rat** id-digriet taghha tal-21 ta' Jannar 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar din l-eccezzjoni.

**Ikkunsidrat -**

Il-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali giet konferita b' ligi specjali u cioe' il-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta b'deroga tal-gurisdizzjoni generali tal-Qrati ordinarji. Mela, salv fil-kazijiet indikati fil-ligi stess, il-Kap.452 ma jistax jigi interpretat b' mod estensiv tali li tinkludi setghat li l-legislatur ma ndikax fil-ligi ghax ma riedx li dawn jidhlu fil-parametri tas-setghat tat-Tribunal. Fi kliem iehor, il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setghat li ghandu huma dawk espressament indikati fil-ligi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tieghu.

Fl-ewwel talba, li hija t-talba principali, l-attur qed jitlob dikjarazzjoni ta' responsabilita' tal-kumpannija konvenuta ghal danni li jallega li garrab konsegwenza tan-nuqqas tal-kumpannija konvenuta meta kienet inadempjenti fil-pattijiet li kellu maghha naxxenti mill-impieg tieghu u li huma mfissra fil-premessi tar-rikors mahluf.

Billi, skond il-kumpannija konvenuta, hawn si tratta ta' kondizzjonijiet tal-impieg, hija eccepiet l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione materiae* skond l-**Art.75(1)(b) tal-**Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra hekk -

*Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva li jikkunsidra u jiddeciedi -*

...

*il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti tahtu, ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi, u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci jew li mod iehor jallega il-ksur tad-dritt tieghu skond it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali ...*

Titolu I tal-Kap.452 imsejjah <u>"Relazzjonijiet dwarl-Impiegi"</u> huwa kompost minn seba' taqsimiet.

Id-disposizzjoni mill-Art.75 citata tirreferi ghal dawk il-kazijiet kollha *li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-Att* pero' mhux biss izda *ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi ... jew li mod iehor jallega il-ksur tad-dritt tieghu skond it-Titoli I ta' dan l-Att*.

Ghal din il-Qorti, dan ifisser li mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali. U minn esami akkurat tas-seba' taqsimiet tat-Titolu I wiehed jasal ghal konferma ta' dan. Propju ghaliex fejn il-ligi riedet fit-Titolu I tirreferi ghat-Tribunal Industrijali dan ghamiltu car u tond. Fil-kaz tat-Taqsima I li tirrigwarda l-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi ma hemm xejn li jaqa' taht il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Invece fejn tidhol it-Taqsima IV li tittratta l-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni relatata mal-Impieg, hemm t-Tribunal Industrijali ghandu kompetenza kif tghid il-ligi stess.

Billi l-eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta ma kenitx <u>specifika</u> ghal liema kazijiet tat-Titolu I *li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali* kienet qed tirreferi, din il-Qorti dderigiet lill-kumpannija konvenuta sabiex tghid liema kienu d-disposizzjonijiet tat-Titolu I tal-Kap.452 li

fuqhom kienet qed tistrieh sabiex issostni l-eccezzjoni taghha tal-inkompetenza *ratione materiae.*

Il-kumpannija konvenuta indikat specifikament **l-Art.15, 18 u 22(2)** tal-Kap.452.

Dawn id-disposizzjonijiet huma nsertiti fit-Taqsima III li tittratta l-Protezzjoni tal-Pagi.

**L-Art. 15** jaqra hekk **-**

*(1) Hlief meta jkun espressament permess mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew mehtieg b'xi ligi ohra, jew meta ordnat minn jew bis-sahha ta' ordni ta' qorti kompetenti, jew permess fi ftehim li jkun sar bejn principal jew principali jew ghaqda ta' principali min-naha l-wahda u trade union jew trade unions li jirrapprezentaw l-impjegati nteressati min-naha l-ohra, principal ma ghandu jaghmel ebda tnaqqis u lanqas jaghmel kuntratt ma' impjegat li jawtorizza li jsir xi tnaqqis mill-paga li ghandha mill-principal lill-impjegat.*

(sottolinear ta' din il-Qorti)

*(2) Kemm-il darba ma jkunx espressament provdut b'dan jew taht dan l-Att jew xi ligi ohra, principal ma jistax jikkalkola bhala parti mill-paga ta' impjegat xi beneficcju jew dhul iehor, ukoll jekk jinghata jew jithallas mill-principal, li jithallas minhabba xi kawza ohra li ma tkunx il-kuntratt tas-servizz.*

*(3) Hemm x'hemm fid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, fuq it-talba bil-miktub ta' impjegat, il-principal jista' jaghmel tnaqqis mill-paga ta' dak l-impjegat ghall-iskop ta' skema ta' pensjoni jew tfaddil jew ghal xi skop li fit-twettiq tieghu l-principal ma jkollu ebda nteress finanzjarju, dirett jew indirett.*

*(4) Tnaqqis fil-ghamla ta' hlasijiet diretti jew indiretti bl-iskop li jinkiseb jew li jinzamm impieg ma ghandux isir mill-paga ta' impjegat minn principal, jew minn xi sensal*

*jew kuntrattur tax-xoghol jew xi hadd li jingagga haddiema ghax-xoghol.*

Huwa evidenti li din id-disposizzjoni ma tapplikax ghall-kaz tal-lum.

Dak reklamat mill-atturmhux kaz fejn, b'riferenza ghas-subinciz (1), qed jinghad li l-kumpannija konvenuta ghamlet <u>tnaqqis</u> mill-paga tal-attur jew sar kuntratt fejn l-attur awtorizza lill-kumpannija konvenuta sabiex teffettwa mill-paga tieghu. Lanqas ma hu kaz li jaqa' taht xi wahda mit-tliet subincizi l-ohra. L-attur mhux jilmenta li l-kumpannija naqsitlu l-paga izda qed jallega li patt li kellu maghha, mhux relatat mal-paga jew ma' kondizzjonijiet ohra tal-ingagg tieghu, ma kienx rispettat mill-principal tieghu. Mela, u hawn b'riferenza ghas-sottomissjonijiet tal-kumpannija konvenuta, il-pretensjoni attrici ma tinkwadrax ruhha fit-tifsira ta' *paga* li taghmel parti mill-Art.2 tal-Kap.452.

<u>**L-Art.18**</u> jaqra hekk -

*Ebda haga f'dan l-Att ma timpedixxi l-ghemil ta' xi kuntratt minn principal ma' impjegat sabiex jaghtih ikel, post ta' abitazzjoni jew allowances jew privileggi ohra, minbarra f'forma ta' xorb spirituz jew medicinali dannuzi, b'zieda ghall-inqas pagi preskritti b'ordni ta' standard nazzjonali jew ordni biex jirregola settur, jew ghal paga oghla stipulata, ghal hin normali u sahra, bhala rimunerazzjoni ghal servizzi ta' l-impjegat.*

Huwa ben evidenti li l-kaz tal-lum ma jaqax taht din id-disposizzjoni.

L-ilment tal-attur ma jirrigwardax <u>*allowances jew privileggi ohra*</u>. Li qed jigi reklamat mill-attur huwa li *bhala parti mill-kundizzjonijiet ta' l-impjieg tieghu kien gie verbalment miftiehem illi r-rikorrent kellu jakkwista wiehed fil-mija (1%) ta' l-ishma tal-Grupp Hetronic.* U skond l-attur ghax dan ma sarx huwa garrab danni.

<u>**L-Art.22(2)**</u> jaqra hekk -

*Mat-tmiem ta' kuntratt ta' servizz il-pagi kollha li jkunu ghadhom ma thallsux u kull kumpens li ghandu jithallas lill-impjegat ghall-leave mhux mehud ghandhom jithallsu mad-data tal-jum tal-paga li tigi minnufih wara iffissata skond is-subartikolu (1) bhallikieku l-kuntratt ma ntemmx.*

Anke hawn din id-disposizzjoni ma tapplikax ghall-kaz tal-lum. L-ilment tal-attur la jirrigwarda paga u lanqas hlas ta' *leave*.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt tichad l-ewwel eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta, tiddikjara li hija kompetenti sabiex tiddeciedi din il-kawza u ghalhekk tordna li l-kawza tibqa' tinstema' fil-mertu.**

**L-ispejjez jithallsu mill-kumpannija konvenuta.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------